IX-XGHAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru.30 (Tletin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal- Kunsill Lokali tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 24ta' Novembru, 2015 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sndku | Neil Attard |
| Il-Kunsilliera | Joe Azzopardi |
| | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| **Skuzati:** | |
| Ambaxxatur taż-Żgħażagħ | Nicole Buttigieg |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

   Kulħadd preżenti. Il-Kunsillier Joseph Azzopardi issuġġerixxa li nagħmlu minuta silenżju b'rispett tal-vittmi li sfaw maqtula f'Pariġi fi Franza.

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti – Il-minuti ttieħdu bħala moqrija.

   2.1 Minuti ittieħdu moqrija u kien hemm korrezzjoni tan-numri li ma kienux isegwu.

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-Laqgħa ta' qabel:

   3.1 SSTP – Impjant tad-drenaġġ. Is-Sindku qal li kellna laqgħa l-MEPA mas-CEO u ċ-Ċhairman. Laqgħuna tajjeb u qalulna li l-applikazzjonijiet tal-WSC ma kienux tajjeb kif riedu huma.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Il-MEPA qalulna li dan l-aħħar talbuhom li jagħmlu rapport biex jaraw x'qed imur ħażin mill-EIA u wara li dan ir-rapport jiġi studjat sew jerġgħu ikellmuna biex niltaqgħu kollha f'daqqa, il-MEPA, il-WSC u l-Kunsill. Is-CEO tal-MEPA qalilna li parti zgħira ta' fuq tat-tankijiet ser ikunu qed jidhru xorta waħda wara li jsir il-landscaping kif propost.

Is-Sindku qara parti mil-EIA u qal li dan l-impjant fil-bidu kien ġie propost li jkun BAF system jiġifieri kollox taħt l-art, pero' kienu qallulna li ma sarx hekk minħabba li kien hemm biss kumpannija waħda fid-dinja li tista' tibni b'dan il-mod u allura kienet ser tkun diskriminatorja minħabba l-kompetizzjoni. Is-Sur Valvo qal ukoll li dak iż-żmien kien jikteb reġolari fuq il-gazzetta fuq din it-tema.

Il-MEPA wrewna li mhux kontra l-landscaping u li mhux vera li hemm konflitt fuq il-permess tal-istess landscaping minħabba n-National Park.

Il-Kunsill qabel li nistennew din il-laqħha u jekk ma jkollniex riżultat kif mistenni ser issir protesta u anke kitba fuq il-gazzetta.

Il-Kunsill qabel ukoll li niktbu lil-Water Services Corporation li mhux qed niġu nfurmati b'dak kollu li qed ikun għaddej fl-impjant, dan minkejja li hemm persuna li hi mix-Xgħajra wkoll li suppost qed tavżana b'kollox.

3.2 Bring in site Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Is-Sindku qal li dawn il-Bins ser immexxuhom kif qbilna fil-laqgħa ta' qabel għal fejn il-Bandli biex ikunu ssorveljati mis-CCTV. Għalhekk il-ħaddiema tal-IPSL ser jagħmlu l-base il-ġdida fejn ser jiġu u wara nkellmu lis-Sur Rene Savona Ventura tal-IPSL biex jibgħat grupp ta' ħaddiema biex jagħmlu l-ħajt tas-sejjiegħ fil-Fort Park fejn qegħdin fil-preżent. Apparti hekk nistgħu nistaqsu lil Public Works u l-GAL Xlokk biex naraw għandhomx xi nies apposta jagħmlu dan it-tip ta' xogħol ukoll.

3.3 Fencing madwar il-Proġett – Is-Sindku qal li għaddejjin f'diskussjoni mas-Segretarjat tal-Gvern Lokali biex ikollna fondi biex isir dan il-fencing. S'issa għadna ma smajna xejn iktar wara l-proposta li għamilna u wara wkoll li ġie konsulent tas-Segretarjat biex jara eżatt x'hemm bżonn.

3.4 Plot Karmelo Ritchie – Is-Sindku qal li fuq dan il-plot il-Kunsill tkellem mal-Public Works biex isir xi żvilupp ta' tisbieħ f'dan il-plot u ġie fuq il-post il-Perit Zerafa Boffa. Dan il-Perit kejjel is-sit u qal li ser jiċċekkja fuqu sew. Il-Perit Zerafa Boffa ftit ġranet wara l-ispezzjoni nfurmana li il-Lands għandha l-ħsieb li toħroġ tender fuq dan il-plot biex jinxtara mil-privat.

3.5 Promenade – Is-Sindku qal li kellna laqgħa mal-Public Works fuq il-promenade fejn ġejna nfurmati li l-arbli u l-fanali kollha tax-xatt ser jinbidlu qabel is-Sajf tas-sena 2016 u li ser jibda l-proċess biex jinħareġ it-tender.

3.6 Gal Xlokk – Il-Kunsill kif qabel fil-laqgħa preċedent ser jissieħeb fil-GAL Xlokk u qed nistennew il-pass li jmiss.

3.7 Bus Shelters – Il-Kunsill għadu jistenna mingħand is-Sur Kevin Zahra fuq dawn il-Bus Shelters li wieħed minnhom, tal-waqfa Penza, kellu jinbena mit-TM u jiġi mantenut mil-Kunsill. Nibgħatu reminder sabiex naraw f'hiex wasalna.

3.8 Newsletter – Is-Segretarju nforma li f'nofs Diċembru ser toħrog in-newsletter u għalhekk talab lill-Kunsilliera biex ilestu l-artiklu tagħhom sabiex inlaħħqu ma' din id-data.

4. Item Nru 4 Fuq l-Aġenda – Korrispondenza

4.1 Ħaddiema tal-IPSL – Is-Sur Valvo qal li kellna talba uffiċjali miċ-Chairman tal-IPSL sabiex nindividwaw persuna mill-ħaddiema li għandna assenjati magħna sabiex jitneħħa minn mal-Kunsill biex imur fil-pool tal-IPSL. Il-Kunsill iħossu li din il-mossa ser titfa' l-Kunsill f'aktar problemi għaliex diġa' ninsabu żvantaġġjati bil-fondi u allura jekk joħdulna persuna assenjata ser jitfgħuna f'iktar piz. Il-Kunsill qabel unanimament u għamel enfazi fuqha li ma jaqbilx ma' dan it-tibdil u għalhekk iħossu li għandu jibqa' bil-ħaddiema assenjati kollha.

Is-Segretarju ser jirrispondi din l-email bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

5.1 Il-Pagamenti ġew approvati b'erbgħa voti favur u astensjoni waħda tas-Sinj. Doris Borg.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

6.1 Sqaq Ras il-Ġebel – Is-Sur Neil Attard qal li kellem lis-sid tal-blokka f' dan l-isqaq u qallu li ok ma jsibx oġġezzjoni li jsir ċint. Il-Kunsill qabel li dan iċ-ċint irid isir minnu għaliex huwa responsabbli u b'rispett tar-residenti li joqgħodu fil-blokka tiegħu.

6.2 Mobile Post office fix-Xgħajra – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li lħaqna ftehim mal-Maltapost biex jibda' jkollna mobile post office permezz ta' van f' Wesgħet il-Ħelsien kull nhar ta' Tlieta bejn l-10.30am u n-12.30pm. Għalhekk tajjeb li nxandru l-kelma biex in-nies ikunu nfurmati.

7. Financial Quarterly Reports

7.1 Quarterly Report – Ġunju – Il-Kunsill qabel ma' dan ir-rapport u ġie ffirmat u ser jintbgħat id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

8. Attivitajiet Kulturali

8.1 Is-Sindku qal li l-attivita' ta' San Martin saret b'suċċess u tqassmu l-boroz lit-tfal tax-Xgħajra.

8.2 Attivitajiet tal-Milied – Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li fit-18 ta' Diċembru l-Kunsill ser itella' attivita' ta' divertiment fis-sala tal-Knisja u li kulħadd ser ikun mistieden. Din l-attivita' ser tittella bil-kollaborazzjoni tas-Segretarjat tal-Gvern Lokali kif ukoll tal-Ministeru tat-Turiżmu. Għal din l-attivita' ser ikollna budget ta' €1,700 li ser ikopru l-ispejjeż kollha. Is-Sinjorina Nicole Buttigieg issuġġeriet li għal din l-attivita' jieħdu sehem ukoll grupp ta' żgħażagħ bi play ta' divertiment. Il-Kunsill qabel u għalhekk talab aktar informazzjoni fuqha.

L-ambaxxatriċi taż-żgħażagħ Nicole Buttigieg issuġġeriet li għal żmien il-Milied intellgħu attivita' ta' cooking contest b'riċetti tal-ħelu tal-Milied u b'tema xitwija. Il-Kunsill ra li hemm ftit diffikultajiet u għalhekk nistgħu nagħmluha pero' nġibu aktar dettalji.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

9. Affarijiet oħra

9.1 Is-Sindku informa lil Kunsilliera li bħala Kunsill tax-Xgħajra għandna fondi a disposizzjoni tagħna mil-MEPA tal-Urban Improvement Funds li jistgħu jiġu utilizzati għal proġett bħal dan. Dan il-fond ilaħħaq l-€14,000. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li jekk mhux ser naslu mas-Segretarjat tal-Gvern Lokali napplikaw permezz ta' perit ġdid għal-dawn il-fondi.

10. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda - Aġġornament

10.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornament għal-laqgħa b'urgenza nhar is-Sibt 5 ta' Dicembru. Li fiha ser tiġi diskussa l-attivita ta' nhar it-18 ta' Diċembru.

Segretarju Eżekuttiv

Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt